# MALTA

**ATT Nru. XXV ta' l-1992**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT għall-approprjazzjoni ta' somma ta' mhux iżjed minn disa' miljuni, erba' mija u sitta u ħamsin elf, tmien mija u tlieta u ħamsin Lira Maltija għas-servizz tas-sena finanzjarja 1992.**

**ACT No. XXV of 1992**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to appropriate a sum not exceeding nine million, four hundred fifty six thousand, eight hundred and fifty three Maltese Liri for the service of the financial year 1992.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

18 ta' Diċembru, 1992

**ATT Nru. XXV ta' l-1992**

*ATT għall-approprjazzjoni ta' somma ta' mhux iżjed minn disa' miljuni, erba' mija u sitta u ħamsin elf, tmien mija u tlieta u ħamsin Lira Maltija għas-servizz tas-sena finanzjarja 1992*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1992 dwar it-Tieni Approprjazzjoni (1992).

Approprjazzjoni 1992.

**2.** Somma ta' mhux iżjed minn disa' miljuni, mitejn u sebgħa u ħamsin elf, disa' mija u erbgħa u sittin Lira Maltija għan-nefqa dwar is-sena finanzjarja 1992 taħt il-Voti speċifikati fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandha u qiegħda b'dan tittieħed mill-Fond Konsolidat.

Approprjazzjoni oħra 1992 u trasferiment fil-Fond ta' Kontinġenzi.

**3.** Somma oħra ta' mhux iżjed minn mija u tmienja u disgħin elf, tmien mija u disgħa u tmenin Lira Maltija għan-nefqa dwar is-sena finanzjarja 1992 taħt il-Voti speċifikati fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandha u qiegħda b'dan tittieħed mill-Fond Konsolidat, salv li dik is-somma għandha tiġi trasferita fil-Fond ta' Kontinġenzi bi ħlas lura ta' l-irtir magħmul minn dan il-Fond biex jitħallsu s-servizzi diversi dettaljati relattivament għal dawk il-Voti fl-Estimi Supplimentari ta' Nefqa għas-sena finanzjarja 1992.

## L-EWWEL SKEDA

| Vot | Titolu | Ammont Lm |
|---|---|---|
| 1. | Uffiċċju tal-President | 40,000 |
| 2. | Kamra tad-Deputati | 46,000 |
| 3. | Uffiċċju tal-Prim Ministru | 69,000 |
| 8. | Ministeru ta' [l-Affarijiet Barranin u] Ġustizzja | 48,000 |
| 11. | Servizz Ġudizzjarju | 14,971 |
| 15. | Edukazzjoni | 700,000 |
| 18. | Pulizija | 269,996 |
| 20. | Żgħażagħ, Kultura, Sport, Xandir u Protezzjoni tal-Konsumatur | 55,000 |
| 21. | Ministeru tal-Politika Soċjali | 1,360,000 |
| 24. | Kura ta' l-Anzjani | 640,000 |
| 27. | Teżor | 438,000 |
| 28. | Pensjonijiet | 21,000 |
| 35. | Posta u Trasport | 209,000 |
| 40. | Turiżmu | 156,000 |
| I. | Tiswija u Bini ta' Vapuri | 3,000,000 |
| VIII. | Toroq | 1,000,000 |
| XVII. | Bini Pubbliku, Impjant u Makkinarju | 1,199,997 |
| | Skeda Totali | 9,257,964 |

## IT-TIENI SKEDA

| Vot | Titolu | Ammont Lm |
|---|---|---|
| 3. | Uffiċċju tal-Prim Ministru | 2,400 |
| 9. | Affarijiet Barranin | 54,600 |
| 10. | Legali | 3 |
| 11. | Servizz Ġudizzjarju | 29 |
| 12. | Ħabsijiet | 40 |
| 13. | Reġistru ta' l-Artijiet | 1 |
| 18. | Pulizija | 93,604 |
| 20. | Żgħażagħ, Kultura, Sport, Xandir u Protezzjoni tal-Konsumatur | 4,601 |
| 26. | Ministeru tal-Finanzi | 1 |
| 27. | Teżor | 9,000 |
| 31. | Dwana | 1 |
| 32. | Ministeru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura | 3 |
| 35. | Posta u Trasport | 34,600 |
| XIII. | Kultura u Ambjent | 2 |
| XVII. | Bini Pubbliku, Impjant u Makkinarju | 3 |
| XVIII. | Infiq Kapitali għal Għawdex | 1 |
| | Skeda Totali | 198,889 |

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 87 tas-16 ta' Diċembru, 1992.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.*